# Surmast Charles Cachia

*1981 –*



Mro. Charles Cachia twieled Ħaż-Żebbuġ fid-29 ta' Marzu 1946 u beda l-karriera mużikali tiegħu ma zijuh Carlo Said fl-età ta' disa' snin. Sena wara kompla jistudja mal-Banda De Roħan taħt is-Surmast Geraldu Farrugia u ħareġ idoqq għall-ewwel darba bil-Corno fil-Festi centinarji ta' l-istess Banda f' Marzu ta' l-1960.

Fl-1961, f' Ħaż-żebbuġ, twaqqfet il-Banda 12th May, u peress li kien hemm ħbiberija bejn iż-żewġ Soċjetàjiet, ħafna mill-mużikanti kienu jitħalltu flimkien. Is-Surmast Cachia kellu lil zijuh, Carlo Said, li kien idoqq l-Oboe u kien Arkivista tal-Banda 12th May, għalhekk sab ħafna għajnuna minn din is-Soċjetà fil-karriera tiegħu.

Fl-1968 gie avviċinat mis-Sur Joseph Frendo, Delegat tal-Banda King's Own tal-Belt biex jieħu parti bħala mużikant ma' din il-Banda. Kien hawn li s-Surmast Cachia kien imħajar mill-Maggur Anthony Aquilina li dak iż-żmien kien is-Surmast tal-Banda King's Own sabiex jibda jistudja l-armonija mas-Surmast Kav. Anthony Muscat Azzopardi.

Fl-1972 is-Surmast Amante Attard, direttur tal-Banda 12th May, talab lis-Surmast Cachia biex jieħu l-iskola tal-Banda 12th May f' idejh. Wara xi ftit taż-żmien is-Surmast Attard beda jrawwmu f' dik li hi direzzjoni u għalhekk ġie maħtur bħala Assistent Direttur ta' din il-Banda. Fl-1976 idderieġa lil din il-Banda fil-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem f'Birkirkara.

Fl-1980 idderieġa Varjeta li t-12th May Dramatic Company tellgħet fil-konkors teatrali ta' l-Imġarr, meta din rebħet għall-ewwel darba dan il-konkors. Fl-istess sena s-Surmast Cachia rreżenja minn din il-Kariga minħabba ċirkostanzi personali. Fl-1981 Mro. Attard talbu jieħu d-direzzjoni tal-Banda San Pawl, fejn għadu f' din il-Kariga sal-llum.

Sena wara reġa' ġie mitlub biex jidderieċi lill-Banda 12th May fil-festa tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan. Fl-1984 ħa l-Kariga ta' Assistent Surmast u Surmast ta' l-Allievi tal-Banda Lilly tal-Imqabba, liema kariga ħalla fl-1985. Għall xi snin hu kien reġa ħa l-inkarigu ta' Surmast tal-Banda 12th May. Is-Surmast Charles Cachia inħatar Direttur tal-Banda Lourdes tal-Qrendi fl-1985. Is-Surmast Cachia ikkompona bosta marċi brijjużi u marċi funebri. Is-Surmast Cachia iggradwa mar-*Royal School of Music* u mal-*London College of Music* bl-għajnuna tas-Surmast Charles Zammit. Hu miżżewweġ lil Filippa nee' Grech u għandhom żewġt itfal, Franco u Loranne.

Matul is-snin inħatru nurmu ta' Assistenti Diretturi tal-Banda fosthom Mro Paolo Tanti fl-1949, kif ukoll Anthony Camilleri fl-1985, li sfortunatament miet f' inċident nhar it-28 ta' April 1989. Warajh inħatar Ivan Zammit li okkupa din il-kariga sas-sena 2001, l -Assistent Surmast Frans Camilleri li għamel sas-sena 2005. L-Assistant Surmast prezenti huwa Philip Fenech A.L.C.M.